**13 ta' Marzu, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alexander Zammit *et*

## Storn - Serq - Aggravju tal-Lok u tal-Persuna - Aggravju Ġenerali: Uffiċjal Pubbliku

*Wieħed mill-elementi tar-reat ta' storn huwa li l-oġġetti in kwistjoni jkunu ġew fdati lill-individwu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta' l-oġġetti, jew inkella jkun hemm it-teħid tagħhom* invito domino *li hu element tas-serq. Wieħed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-ieħor relattivament għall-istess fatt.*

*Ir-*raison d'etre *tal-kwalifika tal-lok fis-serq hija li s-serq minn dak il-lok partikolari huwa kkunsidrat bħala iktar gravi minn serq minn lok ieħor, u r-*raison d'etre *tal-kwalifika tal-persuna hija li l-kariga ta' l-individwu tirrendi aktar faċli s-serq mill-post partikolari fejn jiġi kommess. Mill-banda l-oħra, ir-*raison d'etre *ta' l-aggravju skond l-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali hija l-kariga ta' l-individwu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku tkun timponilu d-dmir li jissorvelja biex ir-reat li jikkommetti hu nnifsu ma jsirx.*

*Huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza li l-artikolu 141 huwa applikabbli għar-reati kollha "barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw*

*għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi".*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

Kontra: Alexander Zammit, Jason Farrugia, Charles Cutajar, Paul Grech u Maurice Tanti akkużati:

Talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Ottubru, 1991 ilkoll bħala uffiċjali pubbliċi, f'Laboratory Wharf, Kordin, ikkommettew serq ta' diversi oġġetti ta' *Sports Goods* tal-marka "Asics", minn *trailer* nr. G.E.9383, għad-detriment tad-ditta "Sanga Ltd.", u l-Gvern ta' Malta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, valur, liema valur jeċċedi l-elf lira Maltija (Lm1,000), bil-persuna, lok u ħin;

Talli f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xhur wara l-21 ta' Ottubru, 1991, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu sabiex ibigħuhom jew imexxuhom, liema oġġetti kienu jikkonsistu fl-oġġetti misruqa mit-*trailer* nr. G.E.9383 f'Laboratory Wharf;

Ukoll bħala lkoll uffiċjali pubbliċi jew impjegati pubbliċi, b'għemilhom saru ħatja tar-reati msemmija, meta huma kellhom jissorveljaw sabiex dawn ir-reati ma jsirux u jew minħabba l-kariga tagħhom kellhom id-dmir li jimpedixxu, ikkommettew is-serq ta' l-imsemmija oġġetti illi kienu ġew fdati lilhom minħabba l-kariga jew impjieg tagħhom bi ksur ta' l-artikoli 127 u 141 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana ta' Malta, akkużati ukoll

bħala uffiċjali pubbliċi, talli fil-lejl ta' l-20 u l-21 ta' Ottubru, 1991, waqt li kienu qegħdin jagħmlu għassa ġewwa Laboratory Wharf, bħala gwardjani tad-dwana u Kuntistabbli tal-Pulizija rispettivament, ilkoll flimkien u bil-kunsens ta' xulxin, xjentement wettqu reat, liema reat, jikkonsisti billi qatgħu waħda miċ-ċineg tat-*trailer*, liema ċinga kienet tagħmel parti mis-sigurtà tat-*trailer* li kien indirizzat għad-ditta "Sanga Ltd.", Factory A7, Industrial Estate, Marsa, Malta, liema *trailer* kellu numru G.E.9383, li wasal Malta mal-vapur "Major" fit-12 ta' Ottubru, 1991, minn Ġenova, skond kif iddikjarat minn Frank Camilleri rappreżentat tad-ditta msemmija fuq Duty Entry No. J000610950 ddatata 18 ta' Ottubru, 1991, biex minnu lkoll flimkien serqu diversi oġġetti, kif jidher mil-lista mmarkata dokument A, hawnhekk mehmuża, għad-dannu ta' l-imsemmija ditta u wara li wettqu dan id-delitt, ilkoll flimkien huma reġgħu għaqqdu t-truf taċ-ċinga flimkien permezz tas-*Super Glue* u *staples* u dan għamluh biex ma jaqtgħux is-siġill u/jew siġilli tad-dwana ta' Malta, tad-dwana Taljana, kif ukoll is-siġill tad-ditta barranija li esportat it-*trailer* in kwistjoni għal Malta. Dan ir-reat huma wettquh meta kienu qegħdin għassa fil-post diġà indikat, liema għassa kienet qiegħda ssir minnhom biex reat u/ jew reati bħal dawn ma jsirux, liema reati barra li saru għad-dannu tad-ditta diġà msemmija, saru ukoll għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (1), 62 (b), (c), (e), (f), (ġ), (ħ), (i), (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, kif ukoll dwar l-Att XXXI ta' l-1989;

F'isem id-Direttur ta' l-Industrija akkużati ukoll talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Ottubru, 1991, ilkoll impjegati pubbliċi, waqt li kienu qegħdin jagħmlu għassa ġewwa Laboratory Wharf, bħala gwardjani tad-dwana u pulizija rispettivament, ilkoll flimkien u bil-kunsens ta' xulxin, xjentement wettqu reat, liema reat, jikkonsisti billi qatgħu waħda miċ-ċineg tat-*trailer*, liema ċinga kienet tagħmel parti mis-sigurtà tat-*trailer* li kien indirizzat għad-ditta "Sanga Ltd.",

Factory A7, Industrial Estate, Marsa, Malta, liema *trailer* kellu numru G.E.9383 li wasal Malta mal-vapur "Major" fit-12 ta' Ottubru, 1991, minn Ġenova, skond kif iddikjarat minn Frank Camilleri rappreżentant tad-ditta msemmija fuq *Duty Entry No.* J000610950 ddatata 18 ta' Ottubru, 1991, biex minnu lkoll flimkien serqu diversi oġġetti, kif jidher mil-lista mmarkata dokument A, hawnhekk mehmuża, għad-danni ta' l-imsemmija ditta, u wara li wettqu dan id-delitt, ilkoll flimkien huma reġgħu għaqdu t-truf taċ-ċinga flimkien permezz tas-*super glue* u *staples*, u dan għamluh biex ma jaqtgħux is-siġill u/jew siġilli tad-dwana ta' Malta, tad-dwana Taljana, kif ukoll is-siġill tad-ditta barranija li esportat it-*trailer* in kwistjoni għal Malta. Dan ir-reat huma wettquh meta kienu qegħdin għassa fil-post diġà indikat, liema għassa kienet qiegħda ssir minnhom biex reat u/jew reati bħal dawn ma jsirux, liema reati barra li saru għad-dannu tad-ditta diġà msemmija, saru ukoll għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (1), 62 (b), (c), (e), (f), (ġ), (ħ), (i), (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, kif ukoll ta' l-artikoli 7 (1) u 12 ta' l-Att XXXI ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali;

Kontra: Joseph Gafa, Alexander Zammit, Jason Farrugia u Charles Cutajar akkużati:

Talli fil-eljl ta' l-24 u l-25 ta' Ottubru, 1991, ilkoll flimkien bħala uffiċjali pubbliċi, f'Laboratory Wharf, Kordin, ikkommettew serq ta' 38 *cardigans* u 40 *sweat shirts* minn *trailer* numru 089, għad-detriment tad-ditta Magri & Zammit ta' Vincenti Buildings, 13/24, Strait Street, Valletta u tal-Gvern ta' Malta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, valur, liema valur jeċċedi l-mitt lira Maltija (Lm100) però ma jeċċedix elf lira Maltija (Lm1000), bil-persuna, lok u ħin;

Talli f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xhur wara l-25 ta'

Ottubru, 1991, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruq jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħħlu sabiex bigħuhom jew imexxuhom, *liema oġġetti kienu jikkonsistu fl-oġġetti misruqa* mit-*trailer* nru. 089 fl-Laboratory Wharf;

Ukoll bħala ilkoll uffiċjali pubbliċi jew impjegati pubbliċi, b'għemilhom saru ħatja tar-reati msemmija, meta huma kellhom jissorveljaw sabiex dawn ir-reati ma jsirux u jew minħabba l-kariga tagħhom kellhom id-dmir li jimpedixxu, ikkommettew is-serq *ta' l-imsemmija oġġetti illi kienu ġew fdati lilhom* minħabba l-kariga jew impjieg tagħhom bi ksur ta' l-artikoli 127 u 141 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana ta' Malta, akkużati ukoll talli fil-lejl l-24 u l-25 ta' Ottubru, 1991, ilkoll impjegati gwardjani tad-dwana, waqt li kienu qegħdin jagħmlu għassa ġewwa Laboratory Wharf, ilkoll flimkien u bil-kunsens ta' xulxin, xjentement wettqu reat liema reat, jikkonsisti billi qatgħu waħda miċ-ċineg tat-*trailer*, liema ċinga kienet tagħmel *parti mis-sigurtà tat-trailer* li kien *indirizzat għad-ditta* "Magri & Zammit" ta' Vincenti Buildings, 13/24, Strait Street, Valletta, Malta, liema *trailer* kellu numru 089, li wasal Malta mal-vapur "Pinto" fl-24 ta' Ottubru, 1991, minn Marsilja, u dan skond kif iddikjarat minn Stephen Magri, rappreżentat tad-ditta in kwistjoni billi flimkien xjentement serqu diversi oġġetti, kif jidher mil-lista mmarkata dokument B, hawnhekk meħmuża, għad-dannu ta' l-*imsemmija ditta u wara li wettqu dan* id-delitt, ilkoll flimkien huma reġgħu għaqqdu t-truf taċ-ċinga flimkien permezz tas-*Super Glue* u *staples* u dan għamluh biex ma jaqtgħux is-siġill u/jew siġilli tad-dwana ta' Malta, tad-dwana Taljana, kif ukoll is-siġill tad-ditta barranija li esportat it-*trailer* in kwistjoni għal Malta. Dan ir-reat huma wettquh meta kienu qegħdin għassa fil-post diġà indikat, liema għassa kienet qiegħda ssir minnhom biex reat u/jew reati bħal dawn ma jsirux,

liema reati barra li saru għad-dannu tad-ditta diġà msemmija, saru ukoll għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8Ċ (1), 62 (b), (c), (e), (f), (ġ), (ħ), (i), (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, kif ukoll dwar l-Att XXXI ta' l-1989;

F'isem id-Direttur ta' l-Industrija akkużati ukoll talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru, 1991, bħala gwardani tad-dwana, waqt li kienu qegħdin jagħmlu għassa ġewwa Laboratory Wharf, bħala gwardjani tad-dwana u pulizija rispettivament, ilkoll flimkien u bil-kunsens ta' xulxin, xjentement wettqu reat, liema reat, jikkonsisti billi qatgħu waħda miċ-ċineg tat-*trailer,* liema ċinga kienet tagħmel parti mis-sigurtà tat-*trailer* li kien indirizzat għad-ditta "Magri & Zammit" ta' Vincenti Buildings, 13/24 Strait Street, Valletta, Malta, liema *trailer* kellu numru 089 li wasal Malta mal-vapur "Pinto" fl-24 ta' Ottubru, 1991, minn Marsilja, skond kif iddikjarat minn Stephen Magri, rappreżentant tad-ditta in kwistjoni u flimkien xjentement serqu diversi oġġetti, kif jidher mil-lista mmarkata dokument B, hawnhekk mehmuża, għad-danni ta' l-imsemmija ditta, u wara li wettqu dan id-delitt, ilkoll flimkien huma reġgħu għaqdu t-truf taċ-ċinga flimkien permezz tas-*super glue* u *staples*, u dan għamluh biex ma jaqtgħux is-siġill u/jew siġilli tad-dwana ta' Malta, tad-dwana Taljana, kif ukoll is-siġill tad-ditta barranija li esportat it-*trailer* in kwistjoni għal Malta. Dan ir-reat huma wettquh meta kienu qegħdin għassa fil-post diġà indikat, liema għassa kienet qiegħda ssir minnhom biex reat u/jew reati bħal dawn ma jsirux, liema reati barra li saru għad-dannu tad-ditta diġà msemmija, saru ukoll għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8Ċ (1), 62 (b), (c), (e), (f), (ġ), (ħ), (i), (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, kif ukoll ta' l-artikoli 7 (1) u 12 ta' l-Att XXXI ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali;

Rat is-sentenza ta' l-4 ta' Marzu, 1994 li biha l-Qorti tal-

maġistrati (Malta) sabet lill-imputati kollha minbarra Jason Farrugia li miet fil-mori tal-kawża, mhumiex ħatjin tar-reat ta' riċettazzjoni u lliberathom minnu, u ħatjin ta' l-imputazzjonijiet l-oħrajn dedotti kontrihom, ikkundannathom sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ħames mitt lira multa kull wieħed, u għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa, u ordnat li s-sentena tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rikorsi ta' l-appell li bihom kull wieħed mill-imputati Alexander Zammit, Charles Cutajar u Paul Grech talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati, u tirrevokaha għall-kumplament, u fi kwalunkwe każ tibdilha dwar il-piena billi minflok "timponi provvedimenti li aktar japplikaw għall-każ";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat Maurice Tanti talab li din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mir-reat ta' riċettazzjoni, "tvarjaha billi tiddikjara l-appellant mhux ħati tar-reat ikkontemplat mill-Kap. 9 tal-Liġi ta' Malta u ċjoè artikolu 127 u għalhekk tilliberah minn kull pena u imputazzjoni riferibbli għall-istess" u tvarja l-piena imposta fuq l-appellant billi tissostitwiha b'piena anqas severa stante ċ-ċirkostanzi;

Rat l-atti l-oħrajn u tikkunsidra illi:

*Omissis*;

L-aggravju prinċipali ta' l-erba' appellanti hu illi la darba huma ġew misjubin ħatjin tas-serq, ma setgħux jiġu misjubin kif sabithom l-Ewwel Qorti, ħatja ukoll ta' l-istorn dedott fl-imputazzjonijiet numru (3) u (8) hawn fuq riprodotti;

Kwantu għal dan l-aggravju jiġi rrilevat li r-reat ta' storn huwa kkontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali. Wieħed mill-elementi essenzjali ta' dan ir-reat huwa li l-oġġetti in kwistjoni jkunu ġew fdati lill-individwu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta' l-oġġetti, jew inkella jkun hemm it-teħid tagħhom *invito domino* li hu element tas-serq. Wieħed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-ieħor relattivament għall-istess fatt;

Fil-każ preżenti ma jirriżultax li l-oġġetti fit-*trailers* kienu ġew fdati lill-appellanti. Għalhekk ma setgħux kienu ħatjin ta' l-istorn. B'hekk l-aggravju in eżami, huwa ġust;

*Omissis*;

Aggravju ieħor ta' l-appellanti jikkonsisti filli ma tistax tiġi mogħtija lilhom l-aggravanti ġeneraika taħt l-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali jekk jiġu misjuba ħatja tas-serq bil-kwalifiki tal-lok u tal-persuna. Dan l-aggravju mhuwiex sostenibbli. Di fatti r-*raison d'etre* tal-kwalifika tal-lok hija li s-serq minn dak il-lok partikolari huwa kkunsidrat bħala aktar gravi minn serq minn lok ieħor, u r-*raison d'etre* tal-kwalifika tal-persuna hija li l-kariga ta' l-individwu tirrendi aktar faċli s-serq mill-post partikolari fejn jiġi kommess. Mill-banda l-oħra r-*raison d'etre* ta' l-aggravju skond l-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali hija li l-kariga ta' l-individwu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, tkun timponilu d-dmir li jissorvelja biex ir-reat li jikkommetti hu nnifsu ma jsirx. Fil-każ preżenti l-appellanti Zammit, Cutajar u Grech, fil-mument tal-kummissjoni minnhom tas-serq, kienu gwardjani tad-dwana u l-appellant Tanti kien kuntistabbli, u l-erbgħa li hum kienu qegħdin f'Laboratory Wharf fil-kwalitajiet rispettivi tagħhom imsemmijin bid-dmir li jissorveljaw biex ma jiġix kommess proprju s-serq li kkommettew huma;

Huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza li l-artikolu 141 imsemmi, huwa applikabbli għar-reati kollha "barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi". Għalhekk dan l-artikolu huwa applikabbli fil-każ tar-reati kollha li tagħhom l-appellanti se jiġu bis-sentenza preżenti kkonfermati ħatja;

Għall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi:

Tirrevokaha in kwantu li biha:

Kull wieħed mill-appellanti ġie misjub ħati tar-reat ta' storn ikkontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali u dedott fl-imputazzjonijiet (3) u (8) hawn fuq;

Kull wieħed mill-appellanti ġie kkundannat sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa;

Ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-istess sentenza fil-Gazzetta tal-Gvern;

U minflok tiddikjara lil kull wieħed mill-appellanti mhux ħati tar-reat ta' storn fuq imsemmi u tilliberah minnu, u tikkundanna lil kull wieħed mill-appellanti tmintax-il xahar priġunerija b'dan li din is-sentenza ta' priġunerija ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul erba' snin mil-lum il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fit-termini ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

Tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija, kompriża l-kundanna ta' kull wieħed mill-appellanti għall-multa ta' ħames

mitt lira;

Il-Qorti spjegat lill-appellanti a tenur ta' l-artikolu 28A (4) tal-Kodiċi Kriminali.